MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 331/2010/1

**Diane Schembri, armla minn Mario Schembri,**
**f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri Rebecca Schembri u f'isem u fl-interess**
**ta' bintha assenti Roslyn Schembri**
**u b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2010,**
**Rebecca Schembri assumiet l-atti f'isimha**
**peress illi saret maggorenni**

**v.**

**Alfred Schembri & Sons Limited (C 11164)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta prezentat fl-14 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu hija talbet ir-revoka tad-digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Mejju 2014 u li permezz tieghu il-Qorti laqghet it-talba tal-atturi biex tizdied talba ohra ma' dawk li kienu ghamlu fir-rikors promotur tal-kawza;

Din it-talba kienet biex l-appellati *"izidu talba konsistenti fil-likwidazzjoni u kundanna ghal hlas ta' ammonti li kienu saru dovuti fil-mori tal-kawza".*

L-appellanti naturalment qed topponi ghal din it-talba. Fir-rikors tal-appell odjern hija qed ticcita numru ta' sentenzi tal-Qrati taghna u jinsistu li l-Artikolu 175 ghandu jigi interpretat fis-sens li zieda kif mitluba mill-atturi ma kellhiex tigi permessa.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn; l-atturi talbu l-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghal hlas ta' €24,189.46 skont l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 16 ossija bl-hekk imsejjha ***procedura bil-giljottina***. Fl-ewwel dehra tal-kawza, is-socjeta` konvenuta talbet lill-Qorti li tinghata l-fakolta` li tikkontesta l-kawza u l-Qorti wara li semghet il-partijiet laqghet it-talba taghha – eventwalment fil-perjodu lilha koncess, is-socjeta` konvenutaipprezentat ir-risposta guramentata taghha. Bdew jingabru l-provi u meta l-provi kienu kwazi terminati, tressqet it-talba msemmija li kif inghad giet milqugha mill-Qorti.

**L-AGGRAVJI TAL-APPELLANTI**

L-aggravji huma tnejn; li kif gia` inghad l-Artikolu 175 tal-Kodici tal-Procedura ma jippermettix iz-zieda in kwistjoni u peress li d-digriet appellat ma fihx il-motivazzjoni rikjesta mil-ligi.

Dwar dan l-ahhar aggravju fil-waqt li huwa minnu illi l-Artikolu 221 (1) jiddisponi li l-Artikolu 218 (ossija dak li jimponi li s-sentenzi tal-Qorti ghandhom ikunu motivati), japplika ukoll ghad-digrieti tal-Qorti, din il-Qorti ma thossx li f'dan il-kaz hemm l-estremi biex din il-Qorti tiddikjara id-digriet appellat null ghaliex il-Qorti fl-istess digriet qalet li kienet qed tilqa' t-talba in kwistjoni '*in vista ta' dak indikat fir-rikors 'de quo'*. Kwindi indikat sia pure b'mod indirett ir-ragunijiet li ghalihom laqghet it-talba. Wiehed jifhem ukoll li f'digriet simili hadd ma jistenna l-istess tip ta' motivazzjoni li tinghata f'sentenza. Dan l-aggravju allura huwa respint.

L-aggravju veru u proprju fil-verita` huwa l-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kodici tal-Procedura. Dan l-artikolu jippermetti "*sostituzzjoni jew tibdil* (li) *ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza".*

L-appellanti iccitat b'mod estensiv is-sentenza fl-ismijiet **Mirabelli noe v. Gollcher noe** (Appell, 14 ta' Marzu 1988); din il-Qorti se ticcita parti ohra minn din is sentenza;

> "*dan l-artiklu (175) .. serva u gie uzat mill-Qrati taghna biex jigu evitati <u>duplicita` ta' kawzi</u> u dak il-formalizmu rigoruz li hafna drabi kien iwassal biex jigi stultifikat il-kuncett ta' gustizzja*. (sottolinear ta' din il-Qorti); Il-Qorti ziedet imbaghad li '*dan ma wassal qatt … biex tigi stultifikata l-istess ligi li tipprojbixxi kull korrezzjoni li tkun tbiddel is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezjoni*."

Ghandu jinghad li dan l-artikolu gie mibdul diversi drabi (l-ahhar darba fl-1995 u allura wara s-sentenza msemmija) u dejjem b'mod li tat aktar licenzja lill-Qorti biex tordna t-tibdil mitlub; dejjem jibqa' importanti li ma jinbidel xejn fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni (f'dan is-sens anke wiehed jista' jiccita s-sentenza tal-Prim' Awla 1961 fl-ismijiet **Buttigieg v. Laferla**). Sentenzi aktar ricenti u allura moghtija **wara** l-introduzzjoni tal-ahhar emendi msemmija, jirriflettu aktar ix-xewqa tal-Qrati, in-sintonija ma' dak li tipprovdi l-ligi, li tevita multiplicita` tal-kawzi meta il-vertenzi jistghu jigu decizi f'kawza wahda; fil-kawza fl-ismijiet **Abela v. Busietta Gardens Madliena Limited**, (Appell Civili, 16 ta' Frar 2004) il-Qorti ippermettiet zieda fl-att promotur meta l-atturi, wara li kienu ghamlu originarjament talba ghal trasferiment ta' propjeta` riedu jzidu t-talba ghad-danni meta saru jafu li dik il-propjeta` kienet gia` giet trasferita mill-konvenuta.

Is-sentenza fl-ismijiet **Arthur Micallef et v. Oliver Cachia** (Appell Inferjuri) 17 ta' Novembru 2004 fost affarijiet ohra qalet hekk;

> *"Huwa assodat illi l-legislazzjoni u l-gurisprudenza ilhom progessivament jirrifuggu mill-formalizmu eccessiv fonti ta' litigi zejda u prokrastinazzjonijiet inutili basta ovvjament ma tirrizultax l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi."*

Din is-sentenza, wara li iccitat sentenza ohra tal-istess Qorti moghtija fl-4 ta' Dicembru 1995 fl-ismijiet **Magistrat Dottor John Formosa v. Joseph Fenech**, kompliet qalet;

> *"F'dan il-kaz l-atturi talbu s-sostituzzjoni tal-ammont originarjament mitlub bhala danni. Imkien ma ntalbet modifika jew sostituzzjoni minhabba konsiderazzoni gdida ta' dritt. Ifisser ghalhekk li l-korrezzjoni mitluba ghandha tigi valutata fil-qafas tal-istess konsiderazzjoni ta' dritt kif premessa fit-talba orignali. Huwa veru li l-ligi timponi limitazzjoni fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti li takkorda l-korrezzjoni fejn din tkun tolqot is-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kaz. F'dan il-kaz pero` t-talba primarja tal-atturi kienet u baqghet l-istess."*

Dan l-insenjament japplika ghal din il-kawza; anzi din il-Qorti zzid illi t-talba tal-atturi giet reza necessarja semplicement bi trapass taz-zmien u li huma ma setghux jaghmlu t-talba ghal-likwidazzjoni inizjalment ghaliex l-azzjoni giet intentata u mibdija ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 li ma jippermettix talba ghal likwidazzjoni ghaliex hemmhekk it-talba trid tkun ta' ammont likwidu u cert; ladarba l-azzjoni ma baqghetx taht dawk il-binarji din il-Qorti tifhem in-necessita` li l-kwistjoni tigi rizolta kollha (jekk jista' jkun) f'din il-kawza stess minflok il-bzonn ta' aktar kawzi. Ma hemm ebda konsiderazzjoni mizjuda mil-lat ta' dritt u allura lanqas l-eccezzjonijiet ma huma se jkunu milquta biz-zieda. Naturalment din it-talba tal-atturi hija possibbli ghal kull konsegwenza legali naxxenti mill-fatt li t-talba saret wara dekors ta' zmien; iz-zieda timporta ukoll li una volta awtorizzata l-att kif korrett ghandu jerga' jkun notifikat lill-parti konvenuta u li din ikollha l-fakolta` biex jekk thoss il-htiega, tissolleva kull eccezzjoni lilha spettanti skont il-ligi anke li ttella' kull prova ulterjuri u taghmel kull sottomissjoni dwarhom (**Abela v. Busietta Gardens, supra**). Dan

maghdud pero`, ma ghandux ikun ta’ xkiel ghall-akkoljiment tat-talba tal-atturi ghaz-zieda u allura anke l-aggravju relattiv huwa respint.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tiddisponi mir-rikors tal-appell billi tichdu u kwindi tikkonferma d-digriet appellat; l-ispejjez ta’ dan l-appell fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------